**Għall-attenzjoni tal-għalliema kollha tat-Tielet, tar-Raba', tal-Ħames u tas-Sitt sena Primarja**

# Biex nieħdu l-ikbar benefiċċju mill-*fieldwork*



1. **INTRODUZZJONI** – Mis-sena skolastika 2014-15 il-*fieldwork* sar jagħmel parti mill-ħidma ta' kull għalliem mit-Tielet sas-Sitt Sena tal-Primarja. L-għalliema minn dejjem qiesu l-ħarġiet edukattivi bħala għodda ta' tagħlim imprezzabbli. Bir-rijorganizzazzjoni li daħħalna minn Settembru 2014, il-*fieldwork* qed jingħata iktar valur.

2. **BENEFIĊĊJI** – M'hemmx dubju li jekk il-*fieldwork* isir sew, il-benefiċċji li se nakkwistaw ikunu ħafna u varji. Se nsemmu kemm prattiċi tajbin li ltqajna magħhom, kif ukoll prattiċi inqas tajbin li fl-opinjoni tagħna jistgħu jservu ta' impediment għall-akkwist tal-istess benefiċċji.

3. **PRATTIĊI ĦŻIENA** – Innutajna għalliema li waqt is-sessjoni tal-*fieldwork* dawn sempliċiment iddettaw it-tweġibiet lill-istudenti tagħhom. Kellna każi fejn il-ktejjeb tal-*fieldwork* inħadem fil-klassi bl-istudenti jikkupjaw it-tweġibiet minn fuq il-*whiteboard*. Lanqas m'hu tajjeb li t-tfal jinġabru madwar l-għalliema waqt il-fieldwork u kulħadd iniżżel l-istess risposta fuq il-*workbook*. Mingħajr tlaqliq inħeġġukom biex prattiċi bħal dawn ma taħlux ħin fuqhom. Fortunatament dawn il-każi kienu l-eċċezzjonijiet u mhux ir-regola.

4. **PRATTIĊI TAJBIN** – Il-maġġoranza assoluta tal-għalliema tagħna qegħdin jieħdu l-*fieldwork* b'impenn u anke b'entużjażmu. Dan jawgura tajjeb għas-suċċess tal-isforzi tagħna biex lill-Istudji Soċjali nagħtuh id-dimensjoni l-ġdida li jixraqlu. Bosta għalliema ippreparaw lill-istudenti mill-aħjar li setgħu, kemm b'lezzjonijiet introduttivi kif ukoll bil-wiri tal-vidjows edukattivi li ħdimna apposta biex jiffaċilitaw l-akkwist tal-ħiliet marbuta mal-*fieldwork*. Bosta għalliema qed jorganizzaw *quizzes* wara l-wiri tal-vidjows biex l-istudenti jiffamiljarizzaw ruħhom mal-kontenut. Xi għalliema ddiskutew il-fuljett

tal-*fieldwork* mal-istudenti fil-klassi biex ladarba jmorru fuq is-sit, l-istudenti jkunu jafu x'għandhom ifittxu. Dawn il-prattiċi jiġġeneraw entużjażmu, motivazzjoni u interess qawwi, u għalhekk nirrakkomandawhom.

5. **FEEDBACK –** Napprezzaw ħafna li taqsmu magħna l-evalwazzjonijiet tagħkom. Diġà rċevejna kritika kostruttiva dwar sessjonijiet ta' *fieldwork* illi saru. Ġew identifikati mistoqsijiet li fixklu lill-istudenti u għalhekk ikun aħjar li jew jitħallew barra jew jinbidlu. Inħeġġukom tikkummentawlna dwar il-ħin li ħadilkom il-*fieldwork.* Il-mira tagħna hija 90 minuta (siegħa u nofs). Fejn is-sessjoni ddum iktar, napprezzaw jekk tgħidulna.

6. **META STUDENT IKUN MARID –** Kif għandkom fil-*Handbook* li ssibu fuq il-websajt tal-Istudji Soċjali, meta student ma jattendix is-sessjoni tal-*fieldwork*, dan jista' jaħdem il-*fieldwork* iktar tard ma' xi ġenitur jew adult. Wara l-*fieldwork* l-għalliem għandu dejjem jintervista lill-istudent dwar is-sessjoni li jkun għamel u dwar kif wasal għall-konklużjonijiet tiegħu fil-*workbook* li jippreżenta wara. Dan il-proċess għandu jwassal biex il-marka li tingħata tkun waħda valida.

7. **KRITERJI GĦALL-ASSESSJAR** – L-assessjar għandu dejjem isir skont il-kriterji maħruġa mit-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv (EAU) u mhux sempliċiment fuq kemm insibu risposti tajbin. Fil-qosor dawn huma:
   (a) parteċipazzjoni, il-ħila li ssegwi l-istruzzjonijiet – 5 marki,
   (b) ħiliet ta' osservazzjoni, identifikar u irrekordjar – 5 marki,
   (c) l-interpretazzjoni tal-informazzjoni miġbura – 5 marki,
   (d) il-preżentazzjoni tad-dokument finali – 5 marki, għal total ta' 20 marka.
   (*N.B Għall-elaborazzjoni ta' dawn il-kriterji, ara dokument separat*)

8. **KONKLUŻJONI –** Jekk ikollkom bżonn iktar kjarifiċi ibagħtu email fuq wieħed mill-indirizzi elettroniċi li ssibu hawn taħt.

Grazzi tal-attenzjoni.

Joanne Grima – Direttur, Taqsima tal-Assessjar Edukattiv (joanne-rita.grima@ilearn.edu.mt)
Tony Pace u Anton Farrugia – Uffiċjali Edukattivi Primarja (anthony.farrugia.4@ilearn.edu.mt)